Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-30 ta' April 2020 [1]

**Kawża C-36/20 PPU**

**Proċedura kriminali**
**kontra**
**VL**
**fil-preżenza ta'**
**Ministerio Fiscal**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana (il-Qorti Istruttorja Nru 3 ta' San Bartolomé de Tirajana, Spanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Politika tal-ażil – Proċedura ta' għoti tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 6 – Aċċess għall-proċedura – Awtoritajiet oħra li jistgħu jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali iżda li ma humiex kompetenti biex jirreġistrawhom – Kunċett ta' 'awtoritajiet oħra' – Standards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/33/UE – Artikolu 8 – Detenzjoni tal-applikant – Prinċipju ta' non-refoulement"

## I. Introduzzjoni

1. "L-umaniżmu huwa ċertament neċessarju għall-protezzjoni tad-drittijiet tar-refuġjati. Dan jirrifletti x-xewqa ta' ħaddieħor, li ngħixu flimkien [...]. Iżda l-umaniżmu ma huwiex biżżejjed. Dan jirrifletti biss il-wiċċ pożittiv tar-risposta għal dak li huwa inuman, li l-wiċċ negattiv tagħha huwa sempliċiment pront wisq biex jiżvela ruħu wara l-maskri, meta ċ-ċiviltà ċċedi quddiem in-neċessità. Id-drittijiet huma l-wiċċ pożittiv tal-obbligi. Dawn l-impenji huma bbażati fuq imqagħad tal-bronż. Huwa dejjem possibbli li jitneħħew, iżda hemm bżonn deċiżjoni kollettiva" [2].

2. Huwa f'dan l-ispirtu li ser nanalizza din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

3. Id-domandi magħmula mill-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana (il-Qorti Istruttorja Nru 3 ta' San Bartolomé de Tirajana, Spanja) jirrigwardaw, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/32/UE [3] kif ukoll tal-Artikolu 17(1) u (2) u tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33/UE [4].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Carlier, J.-Y, "Droit d'asile et des réfugiés. De la protection aux droits", *Recueil des cours*, Académie de droit international de La Haye, vol. 332, 2008 (Leiden/Boston: Martinus Nijhoff Publishers), p. 9 sa 354, b'mod partikolari p. 34.

3 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96).

4. Din il-kawża tidħol fil-kuntest ta' deċiżjoni ta' refoulement meħuda, b'mod partikolari, kontra ċittadin minn Mali li ppreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali quddiem il-qorti tar-rinviju wara li l-bastiment li kien jinsab fih ġie interċettat mill-awtoritajiet ta' Stat Membru viċin il-kosta tiegħu.

5. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ser iwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina, qabel kollox, għall-ewwel darba, il-kwistjoni dwar jekk awtorità ġudizzjarja, bħal qorti istruttorja, li għandha ġurisdizzjoni skont id-dritt nazzjonali sabiex tiddeċiedi dwar it-tqegħid ta' ċittadini ta' Stat terz f'ċentru ta' detenzjoni, tistax titqies bħala "awtorità oħra" li tista' tirċievi applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32. Jekk tingħata risposta affermattiva għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja, sussegwentement, ser tintalab tiddetermina jekk din l-awtorità għandhiex tipprovdi lill-applikant għall-protezzjoni internazzjonali l-informazzjoni rilevanti li tippermettilu jkun jaf il-modalitajiet ta' tressiq tal-applikazzjoni. Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha l-okkażjoni tiddeċiedi dwar il-mument li fih il-persuni kkonċernati jiksbu l-istatus ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali u dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-kisba ta' dan l-istatus fuq il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt internazzjonali

6. Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951[5], li l-Istati Membri kollha huma partijiet kontraenti għaliha[6], daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève") u ġiet ikkompletata u emendata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967 (iktar 'il quddiem il-"Protokoll").

7. Il-preambolu ta' din il-konvenzjoni jinnota li l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) għandu l-kompitu li jissorvelja l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali li jiżguraw il-protezzjoni tar-refuġjati. L-Artikolu 35 tagħha jipprevedi li l-Istati għandhom "jimpenjaw lilhom infushom sabiex jikkooperaw mal-UNHCR [...] fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u b'mod partikolari sabiex jiffaċilitaw il-kompitu tiegħu ta' sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

8. L-Artikolu 1(A) tal-imsemmija konvenzjoni jiddefinixxi t-terminu "refuġjat" billi jirreferi b'mod partikolari għal kull persuna li, "minħabba f'biża' bir-raġun li tiġi ppersegwitata għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, appartenenza għal grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika partikolari, tkun barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha u li ma tistax jew, minħabba din il-biża', ma tixtieqx titlob il-protezzjoni ta' dak il-pajjiż; jew li, jekk ma jkollhiex nazzjonalità u tkun tinsab barra mill-pajjiż fejn qabel kellha r-residenza abitwali tagħha, minħabba f'dawn l-avvenimenti, ma tistax jew, minħabba din il-biża', ma tkunx trid tirritorna fih" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9. Skont l-Artikolu 3 tal-istess konvenzjoni, "[l]-Istati Kontraenti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni għar-refuġjati mingħajr diskriminazzjoni abbażi tar-razza, tar-reliġjon jew tal-pajjiż ta' oriġini" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5 *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954).

6 Min-naħa l-oħra, l-Unjoni Ewropea ma hijiex parti kontraenti għal din il-konvenzjoni.

10. Skont l-Artikolu 33(1) tal-Konvenzjoni ta' Genève, "[e]bda Stat Kontraenti ma għandu jkeċċi jew jissuġġetta għal refoulment, bi kwalunkwe mod, lil refuġjat fuq il-fruntieri tat-territorji fejn ħajtu jew il-libertà tiegħu jkunu mhedda minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon tiegħu, iċ-ċittadinanza tiegħu, l-appartenenza tiegħu għal grupp soċjali, jew minħabba l-fehmiet politiċi tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

## B. Id-dritt tal-Unjoni

### *1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*

11. Skont l-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), intitolat "Id-dritt għall-asil":

"Id-dritt għall-asil għandu jkun garantit b'rispett għar-regoli tal-[Konvenzjoni ta' Genève] u tal-[Protokoll] u skond it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea (hawn aktar 'il quddiem 'it-Trattati')."

12. Taħt it-titolu "Il-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni", l-Artikolu 19 tal-Karta jipprovdi:

"1. It-tkeċċijiet kollettivi huma pprojbiti.

2. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti."

### *2. Id-Direttiva 2013/32*

13. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2013/32, intitolat "Awtoritajiet responsabbli", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jinnominaw, għall-proċeduri kollha, awtorità determinanti li tkun responsabbli li tagħmel eżami adegwat ta' applikazzjonijiet skont din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali awtorità tkun ipprovduta b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont din id-Direttiva."

14. L-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, intitolat "Aċċess għall-proċedura", jipprovdi:

"1. Meta persuna tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali lil awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet bħal dawn, ir-reġistrazzjoni għandha sseħħ mhux iktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

Jekk l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir lil awtoritajiet oħra li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet bħal dawn, iżda mhumiex kompetenti għar-reġistrazzjoni taħt il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ir-reġistrazzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn sitt ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet l-oħra li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali bħal pulizija, gwardji tal-fruntiera, awtoritajiet tal-immigrazzjoni u persunal tal-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom l-informazzjoni rilevanti u li l-persunal tagħhom jirċievi il-livell meħtieġ ta' taħriġ li jkun xieraq għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom u istruzzjonijiet biex jinformaw lill-applikanti fejn u kif l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jiġu ppreżentati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha opportunità effettiva biex tippreżentaha malajr kemm jista' jkun. Fejn l-applikant ma jagħmilx l-applikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 28 kif meħtieġ.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu ppreżentati fiżikament u/jew f'post magħżul.

4. Minkejja l-paragrafu 3, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies bħala li ġiet riċevuta ladarba formola ppreżentata mill-applikant jew, fejn dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, rapport uffiċjali, ikunu waslu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi jagħmluha diffiċli ħafna fil-prattika li jiġi rispettat il-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dak il-limitu ta' żmien jiġi estiż sa 10 ijiem ta' xogħol."

15. L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Informazzjoni u konsulenza f'faċilitajiet ta' detenzjoni f'punti ta' qsim bejn fruntieri", jipprovdi:

"1. Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jkunu jridu jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibbiltà li jagħmlu dan. F'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni u ż-żoni fil-fruntieri, l-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti għal interpretazzjoni sa fejn ikun neċessarju għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-proċedura ta' asil.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet u l-persuni li jipprovdu pariri u konsulenza lill-applikanti jkollhom aċċess effettiv għall-applikanti li jinsabu fil-punti ta' qsim bejn il-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal regoli li jkopru l-presenza ta' dawn l-ogranizzazzjonijiet u persuni f'dawk iż-żoni u b'mod partikolari li l-aċċess ikun suġġett għal ftehim mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Il-limiti fuq tali aċċess jistgħu jiġu imposti biss, fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, huma oġġettivament neċessarji għas- sigurtà, l-ordni pubbliku jew il-ġestjoni amministrattiva tal-punti ta' qsim ikkonċernati sakemm l-aċċess ma jkunx limitat severament b'dawn jew ma jsirx impossibbli minħabba fihom."

16. L-Artikolu 26 tal-istess direttiva, intitolat "Detenzjoni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri ma għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għar-raġuni biss li huwa/hija jkun/tkun applikant. Ir-raġunijiet għal u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-garanziji disponibbli għall-applikanti detenuti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu konformi mad-Direttiva [2013/33].

2. Fejn applikant jinżamm f'detenzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm il-possibbiltà ta' reviżjoni ġudizzjarja rapida taħt id-Direttiva [2013/33]."

### *3. Id-Direttiva 2013/33*

17. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33, intitolat "Detenzjoni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri m'għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija applikant(a) skont id-Direttiva [2013/32].

2. Meta jkun meħtieġ u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, l-Istati Membri jistgħu jżommu applikant f'detenzjoni, sakemm miżuri inqas dixxiplinari oħra ma jistgħux ikunu applikati b'mod effettiv.

3. Applikant jista' jinżamm f'detenzjoni biss:

(a) sabiex tiġi determinata, aċċertata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu jew tagħha;

(b) sabiex jiġu determinati dawk l-elementi li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li ma jkunux ottenibbli fin-nuqqas ta' detenzjoni b'mod partikolari fejn ikun hemm riskju li l-applikant jaħrab;

(c) sabiex tittieħed deċiżjoni, fil-kuntest ta' proċedura, fuq id-dritt tal-applikant sabiex jidħol fit-territorju;

(d) meta huwa jew hija jinżammu f'detenzjoni soġġetti għal proċedura ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment [7] sabiex iħejju r-ritorn u/jew iwettqu l-proċess ta' tneħħija, u l-Istat Membru konċernat jkun jista' jiddeċiedi abbażi ta' kriterji oġġettivi, inkluż li huwa jew hija diġà kellhom l-opportunità li jaċċessaw il-proċedura tal-asil, li hemm raġunijiet raġonevoli biex jemmen li huwa jew hija qed japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali sempliċiment sabiex itawwlu jew jipprevjenu l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn;

(e) meta l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubblika jeħtieġu hekk;

(f) skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida [8].

Ir-raġunijiet għad-detenzjoni għandhom jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli rigward l-alternattivi għad-detenzjoni, bħal rappurtaġġ regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, jew l-obbligu li joqgħod f'żona ġeografika indikata, huma stipulati fil-liġi nazzjonali."

18. L-Artikolu 9 ta' din id-direttiva, intitolat "Garanziji għal applikanti detenuti", jipprovdi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Applikant għandu jiġi detenut biss għal żmien qasir kemm jista' jkun u għandu jinżamm detenut biss sakemm ikunu applikabbli r-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 8(3)."

19. L-Artikolu 17 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Regoli ġenerali dwar kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u kura tas-saħħa", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza jkunu disponibbli lill-applikanti meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għall- protezzjoni internazzjonali."

7 ĠU 2008, L 348, p. 98.
8 ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50.

## C. Id-dritt Spanjol

20. Il-kuntest ġuridiku Spanjol huwa kkostitwit mill-Artikolu 58(3), (4) u (6), l-Artikoli 61 u 62, kif ukoll l-Artikolu 64(5) tal-Ley Orgánica 4/2000 sobre derechos y libertades de los extranjeros en España y su integración social (il-Liġi Organika 4/2000 dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Barranin fi Spanja u l-Integrazzjoni Soċjali Tagħhom), tal-11 ta' Jannar 2000 [9], kif emendata mil-Ley Orgánica 2/2009 de reforma de la Ley Orgánica 4/2000 (il-Liġi Organika 2/2009 li temenda l-Liġi Organika 4/2000) [10], tal-11 ta' Diċembru 2009 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Organika 4/2000").

21. L-Artikolu 58(3) tal-Liġi Organika 4/2000 jipprevedi proċedura ssemplifikata sabiex jitneħħew il-barranin li jipprovaw jidħlu illegalment fi Spanja. L-Artikolu 58(4) ta' din il-liġi jistabbilixxi li l-persuni msemmija fil-paragrafu 3 ma jistgħux jitneħħew sakemm applikazzjoni eventwali għal protezzjoni internazzjonali ma tkunx ġiet iddikjarata inammissibbli u l-Artikolu 58(6) tal-imsemmija liġi jipprovdi li meta t-tneħħija ma tkunx possibbli f'terminu ta' 72 siegħa, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jintalbu t-tqegħid f'detenzjoni.

22. L-Artikolu 61 tal-Liġi Organika 4/2000 jipprevedi l-miżuri provviżorji fil-kuntest tal-proċeduri ta' tneħħija. L-Artikolu 62 ta' din il-liġi jirrigwarda d-detenzjoni u l-Artikolu 64(5) tal-imsemmija liġi jipprevedi s-sospensjoni tad-deċiżjonijiet ta' tneħħija sakemm applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tkunx ġiet iddikjarata inammissibbli.

23. L-Artikoli 2 u 3 tal-Ley 12/2009, reguladora del derecho de asilo y de la protección subsidiaria (il-Liġi 12/2009, li tirregola d-Dritt għall-Ażil u l-Protezzjoni Sussidjarja) [11], tat-30 ta' Ottubru 2009, kif emendata bil-Ley 2/2014, de la Acción y del Servicio Exterior del Estado (il-Liġi 2/2014, dwar l-Azzjoni u s-Servizz Estern tal-Istat) [12], tal-25 ta' Marzu 2014 (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Ażil") jiddefinixxu, rispettivament, id-dritt għall-ażil u l-istatus ta' refuġjat. L-Artikolu 5 ta' din il-liġi jipprevedi b'mod partikolari li l-għoti tal-protezzjoni sussidjarja jimplika li l-persuna kkonċernata ma tkunx tneħħiet u l-Artikolu 30 tal-istess liġi jipprevedi l-aċċess għas-servizzi soċjali u ta' akkoljenza għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali li jkollhom bżonn.

## III. Il-fatti prinċipali u d-domandi preliminari

24. Fit-12 ta' Diċembru 2019, dgħajsa li kienet qiegħda tittrasporta 45 ċittadin ta' oriġini sub-Saħarjana, fosthom VL, konvenut fil-kawża prinċipali, ġiet interċettata mis-Salvamento Marítimo (l-Awtoritajiet Spanjoli ta' Salvataġġ Marittimu) viċin il-kosti Spanjoli, madwar mil nawtiku fin-Nofsinhar tal-gżira Gran Canaria (Spanja). Wara li rċevew l-ewwel kura, dawn iċ-ċittadini ġew ikkunsinnati lill-Brigada Local de Extranjería y Fronteras (il-Brigada Lokali tal-Barranin u tal-Fruntieri, Spanja) tal-Comisaría de Policía Nacional de Maspalomas (il-Kummissarjat tal-Pulizija Nazzjonali ta' Maspalomas, Spanja).

25. Fit-13 ta' Diċembru 2019, l-imsemmija ċittadini ġew ittrasferiti lill-Jefatura Superior de Policía de Canarias (il-Prefettura Superjuri tal-Pulizija tal-Canarias, Spanja), kif jirriżulta mill-proċess verbal tat-tqegħid f'detenzjoni u tal-informazzjoni tad-drittijiet tagħhom. Fl-istess jum, is-Subdelegación del Gobierno en Las Palmas (it-Taqsima tar-Rappreżentanza tal-Gvern ta' Las Palmas, Spanja) adottat deċiżjoni ta' refoulement tal-istess ċittadini, skont l-Artikolu 58(3)(b) tal-Liġi Organika 4/2000, talli pprovaw jidħlu illegalment fi Spanja. Peress li din id-deċiżjoni ma setgħetx tiġi eżegwita fit-terminu ta' 72 siegħa previst fl-Artikolu 58(6) ta' din il-liġi, tressqet talba għat-tqegħid f'ċentru ta' detenzjoni lill-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana (il-Qorti Istruttorja Nru 3 ta' San Bartolomé de Tirajana).

9 BOE Nru 10, tat-12 ta' Jannar 2000, p. 1139.
10 BOE Nru 299, tat-12 ta' Diċembru 2009, p. 104986.
11 BOE Nru 263, tal-31 ta' Ottubru 2009, p. 90860.
12 BOE Nru 74, tas-26 ta' Marzu 2014, p. 26531.

26. Fil-kuntest ta' investigazzjoni preliminari miftuħa quddiem din il-qorti, din tal-aħħar tat deċiżjoni, fl-14 ta' Diċembru 2019, li tagħti lil VL id-dritt li jagħmel dikjarazzjoni, wara li ġie informat bid-drittijiet tiegħu, assistit minn avukat u minn interpretu tal-lingwa Bambara[13] (iktar 'il quddiem l-"ewwel deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2019"). Din id-dikjarazzjoni saret fil-preżenza tal-qorti, tar-reġistratur ta' din l-istess qorti, ta' uffiċjal tar-Reġistru, tal-avukat ta' VL u tal-interpretu. Fl-istess jum tfassal proċess verbal li jistabbilixxi li, wara li ġie informat bid-drittijiet tiegħu, VL wera fid-dikjarazzjoni tiegħu l-intenzjoni li japplika għall-protezzjoni internazzjonali. Huwa ddikjara li kellu biża' minn persekuzzjonijiet għal raġunijiet ta' razza jew appartenenza għal grupp soċjali minħabba l-gwerra li faqqgħet fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, Mali, u li jinqatel jekk huwa jirritorna fih.

27. Peress li, skont id-dritt nazzjonali, ma kinitx l-awtorità kompetenti sabiex tirreġistra l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, il-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana (il-Qorti Istruttorja Nru 3 ta' San Bartolomé de Tirajana) tat fl-istess jum deċiżjoni oħra (iktar 'il quddiem it-"tieni deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2019"), fejn indikat li d-dikjarazzjoni ta' manifestazzjoni tar-rieda ta' VL li japplika għal protezzjoni internazzjonali kienet intbagħtet, sabiex tkun konformi mal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, lill-Brigada Provinċjali tal-Barranin u tal-Fruntieri u ġiet miġjuba għall-attenzjoni tal-UNHCR. Permezz ta' din id-deċiżjoni, din il-qorti talbet lit-Taqsima tar-Rappreżentanza tal-Gvern tal-Canarias, lill-Brigada Provinċjali tal-Barranin u tal-Fruntieri u lill-Ministerio de Trabajo, Migraciones y Seguridad Social (il-Ministeru għax-Xogħol, għall-Immigrazzjoni u għas-Sigurtà Soċjali, Spanja) sabiex VL jingħata post f'ċentru ta' akkoljenza umanitarja. Lista li tinkludi l-ismijiet ta' 25 ċittadin ieħor ta' oriġini sub-Saħarjana li wkoll applikaw għall-protezzjoni internazzjonali taħt l-istess kundizzjonijiet intbagħtet lil dawn l-awtoritajiet.

28. Minn dawn is-26 persuna, 12 tqiegħdu f'ċentru ta' akkoljenza umanitarja u, fin-nuqqas ta' postijiet, 14-il persuna, fosthom VL, tqiegħdu f'ċentru ta' detenzjoni permezz tat-tieni deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2019. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li uffiċjal tal-Brigada Provinċjali tal-Barranin u tal-Fruntieri nnotifika lil VL, qabel it-trasferiment tiegħu f'ċentru ta' detenzjoni, bl-eżistenza ta' appuntament għall-intervista dwar l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali.

29. Il-Ministerio fiscal (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, Spanja) għalhekk appella quddiem il-qorti tar-rinviju mit-tieni deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2019, fejn sostna li l-qorti istruttorja la kellha ġurisdizzjoni sabiex tirċievi l-applikazzjonijiet għal ażil u lanqas sabiex tfittex soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni tal-ewwel akkoljenza għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali.

30. L-avukat ta' VL ippreżenta wkoll appell għal riforma minn din l-istess deċiżjoni, fejn afferma li d-detenzjoni ta' VL kienet tmur kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2013/32 u 2013/33.

## IV. Id-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja

31. Huwa f'dan il-kuntest li l-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana (il-Qorti Istruttorja Nru 3 ta' San Bartolomé de Tirajana), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2020, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Jannar 2020, għamlet id-domandi preliminari li ġejjin:

"1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva [2013/32] jipprevedi l-każ li fih applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi ppreżentata quddiem awtoritajiet oħra li ma humiex, skont id-dritt nazzjonali, kompetenti sabiex jirreġistrawhom, f'liema każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistrazzjoni ssir sa mhux iktar tard minn sitt ijiem ta' xogħol wara l-preżentata tat-talba.

13 Il-lingwa Bambara hija waħda mil-lingwi nazzjonali ta' Mali.

Din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li hemm lok li l-qrati istruttorji, li għandhom il-ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar il-tpoġġija taħt detenzjoni jew le ta' persuni barranin skont id-dritt nazzjonali, jitqiesu bħala li jikkostitwixxu waħda minn dawn l-'awtoritajiet oħra' li ma għandhomx il-kompetenza sabiex jirreġistraw l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, iżda li quddiemhom l-applikanti jistgħu jimmanifestaw ir-rieda tagħhom li jippreżentaw tali applikazzjoni?

2) F'każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva [2013/32] għandu jiġi intertpretat fis-sens li l-qorti istruttorja għandha tipprovdi lill-applikanti informazzjoni li tippermettilhom ikun jafu fejn u kif jistgħu jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, u li f'każ li tiġi ppreżentata tali applikazzjoni, l-imsemmija qorti għandha tittrażmetti l-fajl lill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u tal-ipproċessar tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll lill-awtorità amministrattiva kompetenti sabiex jingħataw lill-applikant il-mezzi ta' akkoljenza previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva [2013/33]?

3) L-Artikolu 26 tad-Direttiva [2013/32] u l-Artikolu 8 tad-Direttiva [2013/33] għandhom jiġu interpretati fis-sens [li] ma hemmx lok li ċ-ċittadini ta' Stat terz jitpoġġew taħt detenzjoni, dment li ma jkunux issodifatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva [2013/33], billi l-applikant huwa protett mill-prinċipju ta' non-refoulement sa mill-mument li fih jimmanifesta r-rieda tiegħu quddiem il-qorti istruttorja?"

## V. Fuq il-proċedura b'urġenza

32. Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija mmotivat din it-talba billi enfasizzat li VL kien attwalment jinsab f'ċentru ta' detenzjoni u li għalhekk kien imċaħħad mil-libertà tiegħu. Barra minn hekk, din il-qorti indikat li VL kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' tneħħija, mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2019, li setgħet tiġi eżegwita fi kwalunkwe mument.

33. Fis-6 ta' Frar 2020, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, ir-Raba' Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju sabiex dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza. Il-partijiet għall-proċedura fil-kawża prinċipali kif ukoll il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

34. Fis-17 ta' Marzu 2020, fil-kuntest marbut mat-tixrid tal-virus SARS-CoV-2, il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ħa d-deċiżjoni li jannulla s-seduta li kienet ġiet iffissata għat-23 ta' Marzu 2020 f'din il-kawża. Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u b'mod eċċezzjonali, ir-Raba' Awla ddeċidiet li tissostitwixxi din is-seduta b'mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub. Il-partijiet inkwistjoni kif ukoll il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni, wieġbu għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja [14].

14 Mit-tweġiba ta' VL għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, "wara li ressaq l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali lill-[qorti tar-rinviju], huwa tqiegħed f'detenzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Barranco Seco u tneħħa direttament fid-9 ta' Jannar 2020, mingħajr ma kien jaf jekk kellux id-dritt li jibbenefika mill-proċedura prevista mil-leġiżlazzjoni Spanjola u mid-direttivi". Madankollu, mid-deċiżjoni tar-rinviju tal-20 ta' Jannar 2020 jirriżulta b'mod ċar li VL kien imċaħħad mil-libertà tiegħu u li "qabel it-trasferiment tiegħu f'ċentru ta' detenzjoni, uffiċjal tal-Brigada Provinċjali tal-Barranin u tal-Fruntieri kien ippreżenta ruħu fis-sede tal-qrati ta' San Bartolomé sabiex jinnotifika [lil VL], b'eżekuzzjoni tal-ordni tal-qorti, bl-eżistenza ta' appuntament għall-intervista dwar l-applikazzjoni [tiegħu] għal protezzjoni internazzjonali".

## VI. Analiżi

### A. Fuq l-ammissibbiltà

35. Il-Gvern Spanjol, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, jikkontesta l-ammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża. Dan il-gvern isostni li l-unika ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju hija li tawtorizza jew le d-detenzjoni ta' ċittadin ta' Stat terz bil-għan li tiġi eżegwita d-deċiżjoni ta' refoulement. Konsegwentement, huwa jikkunsidra li d-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju ma għandhom l-ebda rabta mas-suġġett tat-tilwima.

36. Huwa stabbilit sew li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali fil-każ biss li jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha [15].

37. Sabiex nerġa' lura għal dan il-każ, inqis li t-tliet domandi, kif ifformulati, jirrigwardaw b'mod ċar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/32 kif ukoll tal-Artikolu 17(1) u (2) u tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalhekk ma nara l-ebda ostakolu sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi f'din il-kawża billi tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2013/32 u 2013/33. Fi kwalunkwe każ, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwar it-tqassim tal-kompetenzi interni. Il-preżunzjoni ta' rilevanza li tibbenefika minnha t-talba għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża għalhekk ma hijiex ikkonfutata bl-oġġezzjonijiet magħmula mill-Gvern Spanjol. Konsegwentement, inqis li t-talba għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża hija ammissibbli.

### B. Fuq il-mertu

#### *1. Proposti introduttivi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttivi 2013/32 u 2013/33*

38. Jidhirli li huwa utli, qabel ma nindirizza l-eżami tad-domandi preliminari, li nfakkar fil-qosor il-kuntest li jinsabu fih id-Direttivi 2013/32 u 2013/33.

39. Fl-ewwel lok, nixtieq nirrileva li dawn id-direttivi ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 78(2)(d) u (f) TFUE. Kif jipprovdi l-Artikolu 78(1) TFUE, il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja, intiża sabiex "toffri status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u bil-għan li tassigura l-ħarsien tal-prinċipju ta' non-refoulement", "trid tkun konformi mal-[Konvenzjoni ta' Genève] u mal-[Protokoll], kif ukoll ma' trattati oħra rilevanti".

40. Fit-tieni lok, nixtieq nsemmi wkoll l-Artikolu 18 tal-Karta, li jipprovdi li d-"dritt għall-asil għandu jkun garantit b'rispett għar-regoli tal-[Konvenzjoni ta' Genève] u l-[Protokoll] skond it-[Trattat UE] u t-[Trattat FUE]" [16].

15 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 Ara l-premessa 60 tad-Direttiva 2013/32 u l-premessa 35 tad-Direttiva 2013/33. Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41. F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li, minkejja li l-Unjoni ma hijiex parti kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Genève, l-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta madankollu jimponu fuqha l-osservanza tar-regoli ta' din il-konvenzjoni [17]. Għaldaqstant huwa ċar li d-Direttivi 2013/32 u 2013/33 għandhom, bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, josservaw dawn ir-regoli [18].

42. Barra minn hekk, mill-premessi 3 ta' dawn iż-żewġ direttivi jirriżulta li, wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere [19], il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jibbaża l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil fuq "l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra", u b'hekk afferma l-prinċipju ta' non-refoulement.

43. Dan il-prinċipju huwa kkunsidrat minn parti tad-duttrina bħala prinċipju tad-dritt internazzjonali konswetudinarju [20] li għandu l-valur ta' regola ta' *jus cogens* [21]. L-imsemmi prinċipju huwa stabbilit, b'mod partikolari, fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève [22] u huwa wieħed mill-prinċipji mifruxa fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil [23] li jippermettu li jiġi ggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-istatus uniformi ta' ażil jew ta' protezzjoni sussidjarja [24].

44. Il-premessa 15 tad-Direttiva 2013/32 u l-premessa 10 tad-Direttiva 2013/33 jindikaw li, fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi skont l-istrumenti tad-dritt internazzjonali li għalihom huma parti [25].

17 Ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Fuq ir-relazzjoni bejn id-dritt idderivat li jikkonċerna d-dritt għall-ażil u l-Artikolu 18 tal-Karta, ara den Heijer, M., "Article 18", f'S. Peers, *et* (edituri.)*The EU Charter of Fundamental Rights. A Commentary*, Hart Publishing, Oxford, 2014, p. 519 sa 541, b'mod partikolari, punt 18.41.

19 Ara l-Kunsill ta' Tampere mill-15 sas-16 ta' Ottubru 1999. Konklużjonijiet tal-Presidenza. Disponibbli fuq https://www.europarl.europa.eu/summits/tam_en.htm.

20 Fil-kuntest tad-dikjarazzjoni komuni tagħhom fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tal-Konvenzjoni ta' Genève u/jew tal-Protokoll, l-Istati Partijiet irrikonoxxew li "l-prinċipju ta' non-refoulement li l-applikabbiltà tiegħu hija stabbilita fid-dritt konswetudinarju internazzjonali" kien fil-qalba tas-sistema internazzjonali ta' protezzjoni tar-refuġjati (Nazzjonijiet Uniti, dok. HCR/MMSP/2001/09, 16 ta' Jannar 2002). Ara wkoll ir-"Rapport tal-Laqgħa Ministerjali tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1951 u/jew tal-Protokoll tagħha tal-1967 dwar l-istatus tar-refuġjati, mit-12 sat-13 ta' Diċembru 2001", HCR/MMSP/2001/10, disponibbli fuq www.unhcr.org. Dwar ir-rikonoxximent tal-prinċipju ta' non-refoulement bħala prinċipju tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, ara Lauterpacht, E., u Bethlehem, D., "The Scope and Content of the Principle of Non-Refoulement", f'E. Feller, et (dir.), *Refugee Protection in International Law*, Cambridge University Press, 2003, p. 87 sa 177, b'mod partikolari p. 149 u 163: "[the principle of non-refoulement in customary law] allows of no limitation or exception." Ara, fl-istess linja, Goodwin-Gill, G.S., u McAdam, J., The Refugee in International Law, it-tielet edizzjoni, Oxford University Press, p. 345 sa 354, b'mod partikolari p. 347; Mikołajczyk, B., *Osoby ubiegające się o status uchodźcy: ich prawa i standardy traktowania*, Katowice 2004, p. 110-117; Łachacz, O., "Zasada non-refoulement w międzynarodowym prawie uchodźczym – zwyczaj międzynarodowy czy też peremptoryjna norma prawa międzynarodowego?", *Problemy Współczesnego Prawa Międzynarodowego, Europejskiego i Porównawczego*, vol. XV, A.D. MMXVII, p. 134-142; Ineli-Ciger, M., u Skordas, A., "Temporary protection", f'R. Wolfrum (editur), Max Planck Encyclopedias of Public International Law [MPIL], verżjoni online http://opil.ouplaw.com (l-aħħar aġġornament: Ottubru 2019), punt 23: "Today, prevailing scholarly opinion holds that the principle of non-refoulement has become a customary norm". Għal opinjoni oħra, ara Carlier, J.-Y, op. cit., p. 123.

21 Ara, b'mod partikolari, Allain, J., "The Jus Cogens Nature of Non-refoulement", f' F. Picod u S. Van Drooghenbroeck (dir.), *International Journal of Refugee Law*, vol. 13, 2001, p. 533 sa 538, u Jaumotte, J., "Article 19. Protection en cas d'éloignement, d'expulsion et d'extradition", *Charte des droits fondamentaux de l'Union européenne. Commentaire article par article*, Bruylant, 2018, p. 445 sa 467, b'mod partikolari p. 466: "*La valeur de norme de jus cogens du principe de non-refoulement, combinée à son caractère absolu, permet donc de considérer que doit être écartée toute norme contraire à ce principe.*" Ara wkoll, "Advisory Opinion on the Extraterritorial Application of Non-Refoulement Obligations under the 1951 Convention relating to the Status of Refugees and its 1967 Protocol", UNHCR, Genève, 26 ta' Jannar 2007.

22 Ara l-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-prinċipju ta' non-refoulement huwa applikat ukoll bħala komponent tal-projbizzjoni ta' tortura jew ta' pieni jew trattamenti krudili, inumani jew degradanti. Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-1984 Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra: "Ebda Stat parti fil-konvenzjoni ma għandu jkeċċi, jissuġġetta għal refoulement, jew jestradixxi persuna lejn Stat ieħor fejn ikun hemm raġunijiet serji li wieħed jaħseb li hemm riskju li din tiġi ssuġġettata għal tortura" (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, A/RES/39/46, tal-10 ta' Diċembru 1984).

23 Ara l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/32.

24 Ara l-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet.

25 Għalkemm il-prinċipju ta' non-refoulement "joħloq dritt li persuna ma tiġix suġġetta għal refoulement, [l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève] ma jawtorizzax li jiġi konkluż li r-refuġjat jista', *in concreto*, jopponi lil Stat li joffrilu l-ażil", ara Bodart, S, "Article 18. Droit d'asile", *Charte des droits fondamentaux de l'Union européenne. Commentaire article par article, op. cit.*, p. 415 sa 443, p. 439. Ara wkoll, den Heijer, M., Rijpma, J. u Spijkerboer, T., "Coercion, Prohibition, and Great Expectations: The Continuing Failure of the Common European Asylum Failure", *Common Market Law Review*, Vol. 53, p. 607 sa 642, b'mod partikolari p. 617.

45. Barra minn hekk, il-premessa 60 tad-Direttiva 2013/32 u l-premessa 35 tad-Direttiva 2013/33 jippreċiżaw li dawn id-direttivi jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, li dawn josservaw il-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta, li dawn ifittxu, b'mod partikolari, li jiżguraw ir-rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u li jippromwovu l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, 4, 6, 7, 18, 19, 21, 23, 24 u 47 tal-Karta, u li konsegwentement għandhom jiġu implimentati.

46. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet f'diversi drabi li l-prinċipju ta' non-refoulement huwa ggarantit bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 18 u fl-Artikolu 19(2) tal-Karta [26].

47. Dan huwa għalhekk il-kuntest li fih jinsabu, b'mod ġenerali, id-Direttivi 2013/32 u 2013/33.

## *2. Fuq il-kunċett ta' "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32*

48. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 għandux jiġi interpretat fis-sens li awtorità ġudizzjarja, bħal qorti istruttorja, tista' titqies bħala "awtorità oħra" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

49. F'dan ir-rigward, minkejja li l-kunċett ta' "awtoritajiet oħra" huwa invokat b'mod espliċitu fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, din id-dispożizzjoni ma tispeċifikax b'mod espliċitu jekk dan il-kunċett ikoprix l-awtoritajiet ġudizzjarji jew le.

50. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet segwiti permezz tal-leġiżlazzjoni li hija tagħmel parti minnha [27]. Għalhekk ser nipproċedi għal interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32.

51. Nirrileva qabel kollox li, fir-rigward tal-kunċett ta' "awtoritajiet oħra" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, VL u l-Kummissjoni sostnew fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom il-perspettiva li skontha dan il-kunċett ma jeskludix lill-awtoritajiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq il-formulazzjoni u l-għan tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32. L-Uffiċċju tal-Prosekutur, min-naħa tiegħu, billi jibbaża ruħu fuq il-premessi 22 u 26 ta' din id-direttiva, jafferma li huwa aċċettat li awtorità ġudizzjarja, fil-każ fejn hija tidħol l-ewwel f'kuntatt mal-persuni li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, titqies bħala "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva [28]. Il-Gvern Spanjol jiċħad din il-perspettiva u jikkunsidra li awtorità ġudizzjarja ma tistax titqies bħala "awtorità oħra" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Dan il-gvern isostni li l-fatt li l-qorti istruttorja titqies bħala "awtorità oħra" jimplika bidla fis-sistema ta' protezzjoni internazzjonali prevista fil-Liġi Organika 4/2000.

### *a) Il-formulazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32*

52. Fuq il-bażi ta' qari letterali tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-qorti istruttorja mitluba tiddeċiedi dwar id-detenzjoni, konformement mal-liġi Spanjola, tikkostitwixxi "awtorità oħra" li, mingħajr ma hija kompetenti sabiex tirreġistra l-applikazzjoni skont id-dritt nazzjonali, tista', skont l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, tadixxi lill-awtorità kompetenti sabiex issir ir-reġistrazzjoni mhux iktar tard minn sitt ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

26 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi (C-181/16, EU:C:2018:465, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck (292/82, EU:C:1983:335, punt 12), kif ukoll tas-26 ta' Frar 2019, Rimšēvičs u BCE vs Il-Latvja (C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139, punt 45).

28 Skont l-Uffiċċju tal-Prosekutur, il-kuntrarju madankollu ma jimplikax preġudizzju għad-drittijiet tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali minħabba li ċ-ċittadin ta' Stat terz jirċievi, fiċ-ċentru ta' detenzjoni, l-informazzjoni rilevanti sabiex ikun jista' japplika għal tali protezzjoni. Barra minn hekk, huwa jafferma li l-qorti istruttorja għandha tkun tista' tiddeċiedi dwar id-detenzjoni ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, konformement mal-Artikolu 8(3)(a) u (b) tad-Direttiva 2013/32.

53. Din l-interpretazzjoni jidhirli li hija *a priori* raġonevoli.

54. L-ewwel nett, mill-qari tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jirriżulta li l-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni li juża l-espressjoni "awtoritajiet oħra" timplika qabel kollox rieda li ssir differenza bejn, minn naħa, "awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali" sabiex *tirreġistra* l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u, min-naħa l-oħra, "awtoritajiet oħra" li jistgħu *jirċievu* tali applikazzjonijiet, iżda ma humiex, skont id-dritt nazzjonali, kompetenti sabiex jirreġistrawhom.

55. Għaldaqstant, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li l-awtorità kompetenti sabiex tirreġistra l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali hija ddeterminata mid-dritt nazzjonali. Dan id-dritt jistabbilixxi l-formalitajiet amministrattivi sabiex issir kemm ir-reġistrazzjoni kif ukoll il-preżentata ta' tali applikazzjonijiet. Fil-fatt, kif osservat il-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jindikaw l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2013/32.

56. Min-naħa l-oħra, għall-kuntrarju ta' dak li jidher li qiegħed jafferma l-Gvern Spanjol, sabiex jiġi ddeterminat min huma dawn l-"awtoritajiet oħra" li jistgħu jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva *bl-ebda mod ma jirreferi għad-dritt nazzjonali* u għalhekk ma jipprevedix li l-Istati Membri għandhom jindikaw dawn l-"awtoritajiet oħra". Din id-dispożizzjoni sempliċiment tistabbilixxi, fit-tieni subparagrafu tagħha, li meta *ssir* applikazzjoni lil dawn l-"awtoritajiet oħra", "l-Istati Membri għandhom jiżguraw li *ir-reġistrazzjoni* għandha ssir mhux iktar tard minn sitt ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni" [29].

57. It-tieni nett, nosserva li l-użu tat-terminu "oħra" fl-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva jesprimi l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li ma jissuġġettax l-istabbiliment ta' dawn l-"awtoritajiet oħra" għal *numerus clausus*. Fil-fatt, l-awtoritajiet tal-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-persunal taċ-ċentri ta' detenzjoni ċċitati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-istess direttiva huma ċċitati biss bħala eżempju.

58. It-tielet nett, nikkunsidra li l-għażla tal-leġiżlatur li juża espressjoni wiesgħa bħal "awtoritajiet oħra" sabiex ikopri diversi awtoritajiet ma tistax tinftiehem bħala li tirreferi biss għal awtoritajiet amministrattivi, peress li din l-espressjoni ma teskludix li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jista' jinkludi wkoll awtoritajiet ġudizzjarji. Nirrileva, f'dan ir-rigward, li l-ebda waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi eżaminati ma tidher li tindika l-kuntrarju [30]. Għaldaqstant, jien tal-opinjoni li l-kliem ta' din id-dispożizzjoni ma jistax iwassal sabiex jiġi kkunsidrat li l-awtoritajiet ġudizzjarji huma esklużi.

59. Madankollu, issa għandu jiġi eżaminat jekk il-kuntest li fih jinsab l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 kif ukoll l-għan u l-oriġini ta' din id-dispożizzjoni jikkorroborawx jew le din l-interpretazzjoni.

### *b) Il-kuntest u l-għan tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32*

60. L-interpretazzjoni preċedenti hija, fl-opinjoni tiegħi, l-unika waħda li tista' tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex mid-Direttiva 2013/32. Dan l-għan, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-premessa 12 tagħha, huwa li jiġu stabbiliti proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni.

29 Korsiv miżjud minni.

30 Ara, b'mod partikolari, il-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola ("otras autoridades"), Ġermaniża ("anderen Behörden"), Ingliża ("other authorities"), Taljana ("altre autorità"), Pollakka ("innych organów"), Portugiża ("outras autoridades"), u Rumena ("altor autorități").

61. Infakkar li l-għan tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 huwa li jiggarantixxi, lill-persuni li jkunu qegħdin ifittxu li jiksbu l-istatus ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, aċċess effettiv, kemm jista' jkun malajr u faċli, għall-proċedura ta' eżami, billi jippermetti lil dawn il-persuni jifformulaw l-applikazzjonijiet tagħhom, jiġifieri jesprimu x-xewqa tagħhom li *jagħmlu* applikazzjoni lil *kwalunkwe awtorità nazzjonali* li magħha huma jidħlu l-ewwel f'kuntatt, b'mod partikolari dawk responsabbli mill-kontroll tal-fruntieri u tal-immigrazzjoni.

62. Din id-dispożizzjoni hija għalhekk l-illustrazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' faċilità u ta' rapidità ta' aċċess għall-proċedura. Dan *l-aċċess effettiv, faċli u rapidu* ma għandux jiġi żgurat b'mod teoretiku iżda konkret. Fil-fatt, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2013/32 jipprevedi li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li *għamlet* applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha *opportunità effettiva* biex tippreżentaha malajr kemm jista' jkun"[31]. Barra minn hekk, mill-premessa 18 ta' din id-direttiva jirriżulta, b'mod partikolari, li "[h]uwa fl-interessi ta' kemm l-Istati Membri kif ukoll tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li deċiżjoni tittieħed malajr kemm jista' jkun dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' eżami xieraq u komplut".

63. Għaldaqstant, ma narax kif jista' jiġi dedott raġonevolment mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 li l-awtoritajiet ġudizzjarji huma esklużi mill-kunċett ta' "awtoritajiet oħra li jistgħu jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali". Tali esklużjoni jidhirli li hija iktar improbabbli peress li, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, f'dan il-każ, din hija *de facto* l-unika awtorità li quddiemha ċittadin ta' Stat terz għandu l-okkażjoni li japplika għall-protezzjoni internazzjonali qabel ma jasal fiċ-ċentru ta' detenzjoni. Barra minn hekk, din il-qorti tenfasizza li mill-proċess verbal tat-tqegħid f'detenzjoni tat-13 ta' Diċembru 2019 jirriżulta li VL ma kienx ġie informat bid-dritt tiegħu li japplika għal din il-protezzjoni internazzjonali[32]. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat li, anki kieku VL kien ġie informat b'dan id-dritt waqt id-detenzjoni tiegħu, kien għad hemm bżonn, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-aċċess għall-proċedura, li huwa jkun ġie informat u jkun wera x-xewqa tiegħu li japplika għal tali protezzjoni fil-preżenza ta' interpretu ta' lingwa li huwa jista' jifhem. Issa, la mid-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas mill-fajl għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżulta li dan kien il-każ f'din il-kawża. Għaldaqstant, jidhirli li huwa raġonevoli li wieħed jistaqsi jekk VL kienx fehem il-kontenut ta' din l-informazzjoni. F'dan ir-rigward, VL jafferma, fit-tweġiba tiegħu għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li, waqt id-detenzjoni tiegħu, huwa kien assistit biss minn interpretu tal-lingwa Franċiża, lingwa li huwa ma jifhimx[33].

64. Barra minn hekk, naqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li skontha, fi proċeduri rapidi ħafna bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, fejn id-deċiżjoni ta' tneħħija tittieħed f'terminu ta' 24 siegħa wara l-wasla tal-persuni kkonċernati fi Spanja u fejn dawn jinstemgħu mill-qorti istruttorja fil-jum ta' wara[34], dan is-smigħ, bl-assistenza ta' avukat u ta' interpretu, huwa l-mument xieraq sabiex issir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u jista' jkun, skont iċ-ċirkustanzi, kif indikat il-qorti tar-rinviju, l-ewwel

31 Korsiv miżjud minni. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Hasan (C-360/16, EU:C:2018:35, punt 76).

32 Ara l-punti 24 u 26 ta' dawn il-konklużjonijiet. F'dan ir-rigward, skont il-Gvern Spanjol, "VL ma kienx esprima x-xewqa tiegħu li japplika għall-protezzjoni internazzjonali waqt l-għoti tal-ewwel għajnuna umanitarja, fit-13 ta' Diċembru 2019, fil-bini tal-pulizija". Madankollu, mit-tweġiba tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma jidhirx fost id-drittijiet li ċ-ċittadin ta' Stat terz f'sitwazzjoni irregolari jiġi informat bihom meta jitqiegħed f'detenzjoni.

33 Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-proċess verbal tad-dikjarazzjoni tal-14 ta' Diċembru 2019 quddiem il-qorti istruttorja jirriżulta li huwa fil-kuntest ta' din id-dikjarazzjoni li VL kien ġie informat, fil-preżenza ta' interpretu tal-lingwa Bambara, konformement mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/32, bid-dritt tiegħu li japplika għal protezzjoni internazzjonali u li, bl-assistenza ta' dan l-interpretu, huwa esprima x-xewqa tiegħu li japplika għal tali protezzjoni.

34 Ara l-punti 25 u 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

okkażjoni li din issir[35]. Iktar minn hekk, il-fatt li l-persuna kkonċernata tista' tagħmel sussegwentement l-applikazzjoni tagħha fiċ-ċentru ta' detenzjoni ma huwiex raġuni valida sabiex jiġi kkunsidrat li hija ma tistax tagħmel dan quddiem il-qorti istruttorja li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar id-detenzjoni tagħha.

65. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi, huwa evidenti li l-fatt li Stat Membru jkun jista' jeskludi mill-kunċett ta' "awtoritajiet oħra" ċerti awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji, b'mod partikolari l-qrati istruttorji, li għandhom ġurisdizzjoni skont id-dritt nazzjonali sabiex jiddeċiedu dwar it-tqegħid f'ċentru ta' detenzjoni ta' ċittadini ta' Stat terz irregolari, bħal f'dan il-każ, imur kontra l-għan tad-Direttiva 2013/32 u jneħħi s-sustanza tal-Artikolu 6(1) tagħha.

### *3. Fuq l-informazzjoni neċessarja għall-preżentata tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u l-aċċess għall-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza*

66. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju, essenzjalment, tixtieq tkun jaf jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2013/33 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità li tkun irċeviet l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, iżda li ma hijiex kompetenti, skont id-dritt nazzjonali, sabiex tirreġistraha, għandha tipprovdi lill-applikant l-informazzjoni rilevanti li tippermettilu jkun jaf fejn u kif jista' jippreżenta tali applikazzjoni u tibgħat il-fajl lill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni sabiex l-imsemmi applikant ikun jista' jkollu aċċess għall-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza.

67. Il-Gvern Spanjol jafferma, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu kif ukoll fit-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa jikkunsidra li d-Direttiva 2013/32 ma tobbligax li tingħata informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali liċ-ċittadini kollha ta' Stat terz li jaslu fit-territorju ta' Stat Membru.

68. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni internazzjonali, mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, moqri flimkien mal-premessa 26 tagħha, jirriżulta mingħajr dubju li huma l-"awtoritajiet oħra" li jistgħu jirċievu tali applikazzjonijiet, iżda li ma humiex, skont id-dritt nazzjonali, kompetenti sabiex jirreġistrawhom, li jipprovdu lill-applikanti għal tali protezzjoni, inkluż fil-fruntiera, b'mod partikolari fl-ilmijiet territorjali[36], l-informazzjoni rilevanti li tippermettilhom jagħrfu l-modalitajiet sabiex jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom.

69. F'dan il-każ, kif spjegajt fil-punti preċedenti, u kif irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha u ssuġġerixxiet il-qorti tar-rinviju stess, il-qrati istruttorji li quddiemhom l-awtoritajiet nazzjonali jitolbu t-tqegħid f'detenzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari jikkostitwixxu mingħajr dubju awtoritajiet li jistgħu jsirulhom applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali bl-istess mod bħall-awtoritajiet imsemmija, b'mod mhux eżawrjenti, fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32. Konsegwentement, peress li awtorità nazzjonali, bħal qorti istruttorja, tista' tkun xi kultant l-ewwel awtorità jew, mill-inqas, waħda mill-ewwel awtoritajiet li quddiemhom persuna jkollha l-okkażjoni li tagħmel tali applikazzjonijiet, hija għandha, skont din id-dispożizzjoni, tipprovdi l-informazzjoni rilevanti għall-preżentata tal-imsemmija applikazzjonijiet[37].

35 Fil-fehma tiegħi, huwa evidenti li, waqt id-detenzjoni ta' ċittadini ta' Stati terzi li jipprovaw jidħlu illegalment fi Stat Membru, l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u l-applikazzjonijiet eventwali għal protezzjoni internazzjonali li huma jistgħu jimmanifestaw lil din l-awtorità ma tistax tkun effettiva jekk ma jkunux assistiti, fil-mument tad-detenzjoni tagħhom, minn interpretu ta' lingwa li huma jifhmu.

36 Jidhirli li huwa importanti li jitfakkar li minn din il-premessa jirriżulta wkoll li "[m]eta dawk il-persuni jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru, dawn għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont din id-Direttiva". Ara, f'dan ir-rigward, Trevisanut, S, "The Principle of Non-Refoulement at Sea and the Effectiveness of Asylum Protection", *Max Planck Yearbook of United Nations Law*, 2008, p. 210. Ara wkoll, UNHCR u IMO, *Rescue at Sea, A guide to Principles and Practice as Applied to Migrants and Refugees*, 2015, disponibbli fuq https://www.unhcr.org.

37 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

70. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-obbligu li jintbagħat il-fajl lill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni, għandu jitfakkar li, skont il-premessa 27 ta' din id-direttiva, "[l]adarba ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali *huma applikanti* għal protezzjoni internazzjonali, huma għandhom ikunu konformi mal-obbligi u jibbenefikaw mid-drittijiet taħt [id-Direttiva 2013/32] u d-Direttiva [2013/33]. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw il-fatt li dawk il-persuni huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kemm jista' jkun malajr" [38].

71. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mill-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva 2013/32 jirriżulta li l-Istati Membri huma, b'mod ġenerali, marbuta li jirreġistraw kull applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali mressqa minn ċittadin ta' pajjiż terz lill-awtoritajiet nazzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u li huma għandhom sussegwentement jiżguraw li l-persuni kkonċernati jibbenefikaw mill-possibbiltà konkreta li jressqu l-applikazzjoni tagħhom fl-iqsar żmien [39].

72. Għalhekk huwa evidenti li l-obbligu ta' reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mhux iktar tard minn terminu ta' sitt ijiem ta' xogħol wara li ssir din l-applikazzjoni ma jistax jiġi osservat jekk l-"awtoritajiet oħra" li jistgħu jirċievu din l-applikazzjoni ma jkunux jistgħu jibagħtuha lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tar-reġistrazzjoni. Minn dan isegwi li l-għan stess tad-Direttiva 2013/32 u, b'mod partikolari, dak segwit mill-Artikolu 6(1) tagħha, jiġifieri l-aċċess effettiv, faċli u rapidu għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali, jiġi serjament kompromess.

73. Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-Artikolu 17(1) u (2) tad-Direttiva 2013/33, li tirreferi għalih il-qorti tar-rinviju fid-domanda tagħha, infakkar li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għall-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza meta jressqu l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali u li l-miżuri adottati għal dawn il-finijiet jiżguraw lill-applikanti livell tal-għajxien adegwat li jiżgura l-għajxien tagħhom u jipproteġi s-saħħa kemm fiżika kif ukoll mentali tagħhom [40].

74. F'dan ir-rigward, kif fakkart fil-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet, mill-premessa 27 tad-Direttiva 2013/32 jirriżulta li l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għandhom "ikunu konformi mal-obbligi u jibbenefikaw mid-drittijiet [mhux biss] taħt [id-Direttiva 2013/32] [iżda wkoll] d-Direttiva 2013/33". Fil-fatt, l-għan segwit mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 2013/33, jiġifieri l-aċċess effettiv tal-applikanti għall-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza, ikun kompromess ukoll jekk l-awtorità li tkun irċeviet applikazzjoni ma tkunx tista' tibgħatha lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tar-reġistrazzjoni [41].

38 Korsiv miżjud minni.

39 Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Hasan (C-360/16, EU:C:2018:35, punt 76).

40 Sentenza tat-12 ta' Novembru 2019, Haqbin (C-233/18, EU:C:2019:956, punt 33). Ara wkoll, il-premessa 11 tad-Direttiva 2013/33. Fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil [fl-Istati Membri] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 101), ara s-sentenzi tas-27 ta' Frar 2014, Saciri *et* (C-79/13, EU:C:2014:103, punt 35), kif ukoll tas-27 ta' Settembru 2012, Cimade u GISTI (C-179/11, EU:C:2012:594, punt 42). Fid-dawl ta' dan, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "[m]adankollu, l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għall-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza ma huwiex assolut. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda, fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2013/33, li jinsab taħt il-Kapitolu III tagħha, li t-tnejn li huma huma intitolati 'Tnaqqis jew irtirar ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza', iċ-ċirkustanzi li fihom il-benefiċċju ta' tali kundizzjonijiet jista' jiġi limitat jew irtirat". Sentenza tat-12 ta' Novembru 2019, Haqbin (C-233/18, EU:C:2019:956, punt 35).

41 Mill-premessa 8 tad-Direttiva 2013/33 jirriżulta li "[s]abiex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-applikanti madwar l-Unjoni, din id-Direttiva għandha tapplika matul l-istadji u t-tipi kollha ta' proċeduri li jirrigwardaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fil-postijiet u fil-faċilitajiet kollha li jilqgħu lill-applikanti u sakemmjitħallew jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri bħala applikanti".

75. Għar-raġunijiet kollha li għadni kif esponejt, nikkunsidra li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2013/33 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-"awtorità oħra" li tista' tirċievi l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, iżda li ma hijiex kompetenti skont id-dritt nazzjonali sabiex tirreġistraha, għandha, minn naħa, tipprovdi lill-applikant l-informazzjoni rilevanti li tippermettilu jkun jaf il-modalitajiet sabiex jippreżenta tali applikazzjoni u, min-naħa l-oħra, tibgħat il-fajl lill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni sabiex dan l-applikant ikun jista' jkollu aċċess għall-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza.

*4. Fuq il-kisba tal-istatus ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali*

76. Permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, mill-mument li ċ-ċittadin ta' Stat terz juri r-rieda tiegħu li japplika għall-protezzjoni internazzjonali quddiem "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, l-applikant jista' jitqiegħed f'ċentru ta' detenzjoni biss għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33, peress li dan l-applikant huwa protett mill-prinċipju ta' non-refoulement.

77. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jidhirli li huwa essenzjali li jiġu enfasizzati l-istadji għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-kuntest tas-sistema stabbilita mid-Direttiva 2013/32.

*a) L-istadji għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali: meta ssir l-applikazzjoni u l-preżentata tagħha*

78. Nosserva li, fir-rigward tal-fażi inizjali tal-proċedura għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jagħmel distinzjoni ċara bejn żewġ stadji, jiġifieri, minn naħa, meta ssir l-applikazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-preżentata tagħha [42]. Din il-kawża tikkonċerna l-ewwel stadju.

*1) L-ewwel stadju: meta ssir l-applikazzjoni*

79. Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida għandhom *jagħmlu* applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali lil awtorità kompetenti sabiex *tirreġistraha* jew lil "awtorità oħra" li tista' tirċievi tali applikazzjonijiet mingħajr ma jkollha kompetenza sabiex tirreġistrahom [43].

80. Fil-kuntest ta' dan l-ewwel stadju, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ azzjonijiet differenti li għandhom jitwettqu f'żewġ mumenti distinti, jiġifieri, minn naħa, li *ssir* fil-veru sens tal-kelma miċ-ċittadin ta' Stat terz l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, jiġifieri l-espressjoni tax-xewqa li ssir applikazzjoni għal tali protezzjoni, lil awtorità kompetenti sabiex tirreġistraha jew lil "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 u, min-naħa l-oħra, *ir-reġistrazzjoni* ta' din l-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-premessa 27 ta' din id-direttiva tagħmel distinzjoni ċara bejn l-espressjoni tax-xewqa li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u l-obbligu tal-awtorità kompetenti li tirreġistraha.

42 Għalhekk, mill-proposta emendata tal-Kummissjoni jirriżulta li t-terminoloġija tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva ġiet iċċarata meta mqabbla ma' dik użata fil-proposta inizjali tagħha billi ġiet stabbilita, fir-rigward tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, "distinzjoni ċara bejn it-termini 'tagħmel' ['présenter'] u 'tippreżenta' ['déposer']". F'dan ir-rigward, għandi nippreċiża li t-terminu "déposer" ġie ssostitwit, fil-verżjoni finali bil-lingwa Franċiża ta' din id-dispożizzjoni, bit-terminu "introduire". Bil-lingwa Maltija t-terminu baqa' "tippreżenta". Ara t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2013/32.

43 Fuq il-kwistjoni dwar jekk id-dritt li *tagħmel* applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandux ikun jista' jiġi eżerċitat mingħajr ebda terminu, anki fil-każ ta' dħul massiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jippreżentaw tali applikazzjoni, ara l-Kawża C-808/18, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

81. Fir-rigward tal-*ewwel azzjoni*, jiġifieri dik li ssir applikazzjoni jew li tiġi espressa x-xewqa li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali [44], il-premessa 27 tad-Direttiva 2013/32 tipprovdi li "ċittadini ta' pajjiżi terzi […] *li jkunu esprimew ix-xewqa* tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali *huma applikanti għal [tali protezzjoni]*" [45]. Għaldaqstant, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 u l-premessa 27 tagħha jirriflettu r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jikkunsidra li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali titqies li saret lil awtorità kompetenti jew lil "awtorità oħra" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jekk il-persuna kkonċernata tkun iddikjarat quddiem dawn l-awtoritajiet li hija xtaqet tapplika għall-protezzjoni internazzjonali.

82. Ix-xogħol preparatorju tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jikkonferma din l-interpretazzjoni. Fil-fatt, mill-proposta emendata tal-Kummissjoni jirriżulta li, "[s]abiex tiżgura li persuna li *tesprimi x-xewqa* li titlob protezzjoni internazzjonali jkollha opportunità effettiva biex tapplika, il-proposta emendata ttejjeb ir-regoli dwar il-passi inizjali li għandhom jittieħdu fil-proċedura tal-asil" [46]. Barra minn hekk, mill-qari ta' din il-proposta emendata jirriżulta li l-azzjoni li "ssir" applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma teħtieġ l-ebda formalità amministrattiva [47], peress li l-imsemmija formalitajiet iseħħu waqt il-"preżentata" tal-applikazzjoni [48].

83. Fir-rigward tat-*tieni azzjoni*, jiġifieri r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti hija obbligata, skont id-dritt nazzjonali, li twettaqha [49] f'terminu ta' tliet jew sitt ijiem ta' xogħol wara li ssir [50]. F'dan ir-rigward, mill-proposta emendata ta' din id-direttiva jirriżulta li, *sabiex tiżgura l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali*, din il-proposta telimina l-possibbiltà ta' konfużjoni bejn, minn naħa, l-att bażiku ta' reġistrazzjoni tal-persuna bħala applikant u, min-naħa l-oħra, il-wasla ta' applikazzjoni għal ażil kompleta (preżentata). Minn din il-proposta jirriżulta wkoll li bis-saħħa ta' din id-distinzjoni huwa iktar faċli għall-Istati Membri li jissodisfaw it-terminu ppropost ta' tlett ijiem għar-reġistrazzjoni ta' applikant bħala tali wara li l-persuna kkonċernata tkun uriet ix-xewqa li tapplika għal protezzjoni internazzjonali [51], jiġifieri wara li hija tkun għamlet l-applikazzjoni tagħha [52].

44 Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 tuża l-verb "présenter" ("għamel"). Verżjonijiet lingwistiċi oħra jużaw termini ekwivalenti. Ara, b'mod partikolari, il-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola ("formule"), Ġermaniża ("stellt"), Ingliża ("makes"), Taljana ("presenti"), Pollakka ("występuje"), Portugiża ("apresenta"), u Rumena ("înaintată").

45 Korsiv miżjud minni.

46 KUMM(2011) 319 finali, punt 8. F'dan ir-rigward, ara wkoll l-anness ta' din il-proposta, p. 3: "Skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jagħtu *opportunità effettiva* li kull persuna li tkun tixtieq tagħmel applikazzjoni biex tippreżentha mill-iktar fis, minkejja xi restrizzjonijiet prattiċi konformi mal-paragrafu 1". Korsiv miżjud minni.

47 Skont id-duttrina, jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 ma jirreferix għad-dritt nazzjonali għall-fatt li ssir fil-veru sens tal-kelma l-applikazzjoni, dan huwa minħabba li l-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra li l-azzjoni li tesprimi x-xewqa li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali "ma [t]eħtieġ l-ebda formalità amministrattiva". Ara, b'mod partikolari, Vedsted-Hansen, J., "Asylum Procedures Directive 2013/32/EU", f'K. Hailbronner u D. Thym (edituri), *EU Immigration and Asylum Law: A Commentary*, it-tieni edizzjoni, C.H. Beck/Hart/Nomos, 2016, p. 1281 sa 1381, b'mod partikolari, p. 1305.

48 KUMM(2011) 319 finali, Anness, p. 3. Dwar is-sostituzzjoni fil-verżjoni bil-lingwa Franċiża tat-terminu "déposer" bit-terminu "introduire", ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49 L-ekwivalenti tat-terminu "enregistrer" ("reġistrazzjoni"), użat fil-verżjoni Franċiża tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, jintuża wkoll fil-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola ("registro"), Ġermaniża ("Registrierung"), Ingliża ("registering"), Taljana ("registrare"), Pollakka ("rejestracja"), Portugiża ("registo"), u Rumena ("înregistreze").

50 Ara, rispettivament, l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32. Infakkar li, skont l-Artikolu 6(5) ta' din id-direttiva, dawn it-termini ta' tliet jew sitt ijiem għandhom jiġu estiżi għal għaxart ijiem meta, minħabba n-numru għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li simultanjament japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, ikun fil-prattika diffiċli ħafna li jiġi osservat it-terminu previst fl-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva.

51 KUMM(2011) 319 finali, punt 8. Ara l-Artikolu 6 tal-proposta emendata tal-Kummissjoni, p. 28.

52 Għandu jingħad ukoll li r-reġistrazzjoni prevista fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 għandha tkun marbuta mal-obbligi tal-Istati Membri, previsti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/33, li jinħareġ lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, f'terminu ta' tlett ijiem mill-preżentata tal-applikazzjoni, dokument f'isimhom li jiċċertifika, b'mod partikolari, l-istatus tagħhom ta' applikanti. Għalhekk, ir-reġistrazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 tiffaċilita, fir-rigward tal-Istati Membri, l-osservanza tal-obbligu li jinħareġ l-imsemmi ċertifikat fit-terminu previst ta' tlett ijiem stabbilit fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/33.

*2) It-tieni stadju: il-preżentata tal-applikazzjoni*

84. Fit-tieni lok, il-persuna li tkun għamlet l-applikazzjoni għandu jkollha, wara r-reġistrazzjoni tagħha mill-awtorità kompetenti, l-opportunità effettiva li tippreżenta din l-applikazzjoni malajr kemm jista' jkun (Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2013/32) [53].

85. Fir-rigward ta' dan it-tieni stadju, mill-Artikolu 6(4) ta' din id-direttiva jirriżulta li "applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies bħala li ġiet *riċevuta* ladarba formola ppreżentata mill-applikant jew, fejn dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, rapport uffiċjali, ikunu waslu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat" [54].

86. Għandu jiġi osservat li l-opportunità prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2013/32, li skontha, bla ħsara għall-Artikolu 6(2) tagħha, l-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jiġu *ppreżentati* fiżikament u/jew f'post magħżul, tikkonċerna biss it-tieni stadju, jiġifieri l-preżentata tal-applikazzjoni. Min-naħa l-oħra, tali rekwiżit *ma japplikax biex issir* l-applikazzjoni, kemm jekk quddiem l-"awtoritajiet kompetenti" sabiex jirreġistrawha jew quddiem "awtoritajiet oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva.

87. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 604/2013 jipprovdi wkoll li "[a]pplikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies li kienet *iddepożitata* meta formola sottomessa mill-applikant jew rapport ippreparat mill-awtoritajiet ikun wasal għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat" [55]. Għalhekk, fil-kuntest tal-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija meqjusa sottomessa meta dokument bil-miktub, stabbilit minn awtorità pubblika u li jiċċertifika li ċittadin ta' pajjiż terz talab il-protezzjoni internazzjonali, ikun wasal quddiem l-awtorità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-regolament u, skont il-każ, meta l-informazzjoni prinċipali biss tidher f'tali dokument, iżda mhux dan id-dokument jew kopja tiegħu, ikunu waslu quddiem din l-awtorità [56].

88. Fil-qosor, matul il-proċedura ta' eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi żewġ stadji distinti, jiġifieri li ssir u li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. Il-fatt li ssir l-applikazzjoni jinkludi fih innifsu żewġ mumenti: dak tal-espressjoni tax-xewqa li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u dak tar-reġistrazzjoni tagħha. Din ir-reġistrazzjoni tista' ssir mal-espressjoni tal-applikazzjoni jekk din isseħħ quddiem l-awtorità kompetenti jew sussegwentement jekk l-applikazzjoni ssir quddiem "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32.

89. Għandi nenfasizza li d-differenza bejn li ssir u li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni hija essenzjali sabiex jiġi ddeterminat f'liema mument preċiż tal-fażi inizjali tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali l-persuna kkonċernata għandha tiġi kkunsidrata bħala li tibbenefika mill-istatus ta' applikant. Din il-kwistjoni ser tkun is-suġġett tal-kunsiderazzjonijiet li jmiss.

53 Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2013/32 tuża l-verb "introduire" ("tippreżentaha"). Verżjonijiet lingwistiċi oħra jidhru li jużaw termini ekwivalenti, ara, f'dan ir-rigward, il-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola ("presentarla"), Ġermaniża ("förmlich zu stellen"), Ingliża ("to lodge"), Taljana ("inoltrarla"), Pollakka ("złożyć") u Rumena ("a depune"). Ara t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 6(2) sa (4) tad-Direttiva 2013/32.

54 Għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2013/32 jagħmel eċċezzjoni għar-regola stabbilita fl-Artikolu 6(3) ta' din id-direttiva, jiġifieri l-possibbiltà għall-Istati Membri li jeżiġu li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu ppreżentati fiżikament u/jew f'post magħżul.

55 Korsiv miżjud minni.

56 Sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Mengesteab (C-670/16, EU:C:2017:587, punt 103). Għandi nippreċiża, kif għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 101 ta' din is-sentenza, li l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 604/2013 jaqgħu taħt żewġ proċeduri differenti, li għandhom rekwiżiti proprji u li huma suġġetti, b'mod partikolari fil-qasam tat-terminu, għal sistemi distinti, kif jipprevedi l-Artikolu 31(3) ta' din id-direttiva.

***b) Il-mument li fih il-persuna kkonċernata għandha tiġi kkunsidrata bħala li tibbenefika mill-istatus ta' applikant***

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni preċedenti ssir id-domanda li jmiss: ċittadin ta' pajjiż terz li jkun esprima x-xewqa tiegħu li japplika għal protezzjoni internazzjonali quddiem "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jibbenefika mill-istatus ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali?

91. Jien konvint li r-risposta għal din id-domanda għandha tkun pożittiva.

92. L-ewwel nett, jidhirli li huwa importanti li jitfakkar li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/32 jipprevedi li din id-direttiva tapplika għall-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali *magħmula* fit-territorju tal-Istati Membri, inkluż fil-fruntiera, b'mod partikolari fl-ilmijiet territorjali. F'din il-linja, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/33 jipprovdi din id-direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha minn pajjiżi terzi u dawk apolidi li *jagħmlu* applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż fil-fruntiera, b'mod partikolari fl-ilmijiet territorjali. Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2013/32 u 2013/33 huwa ddeterminat mill-fatt li tiġi "magħmula" applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

93. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2013/32 jiddefinixxi l-"applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" bħala l-applikazzjoni *magħmula* minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li qiegħda tfittex status ta' refuġjat jew status mogħti mill-protezzjoni sussidjarja. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li d-Direttiva 2013/32 tapplika għall-applikazzjonijiet li jaqgħu taħt din id-definizzjoni.

94. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2013/32 jiddefinixxi l-"applikant" bħala ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida *li għamel* applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx. L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2013/33 jipprevedi wkoll definizzjoni analoga.

95. Għaldaqstant, naqbel perfettament mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li skontha minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li persuna tikseb l-istatus ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali jew ta' protezzjoni sussidjarja mill-mument meta hija "tagħmel" applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, jiġifieri mill-mument li hija tiddikjara quddiem "awtorità kompetenti" jew "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 li tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali [57].

96. It-tieni nett, hemm lok li jiġi enfasizzat, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet tiegħi fil-punti 79 sa 83 ta' dawn il-konklużjonijiet, li għalkemm l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jistabbilixxi distinzjoni ċara bejn li "ssir" l-applikazzjoni, ir-"reġistrazzjoni" tagħha u l-"preżentata" tagħha, l-Artikolu 3(1) kif ukoll l-Artikolu 2(b) u (c) ta' din id-direttiva *la* jirreferu għall-applikazzjonijiet "irreġistrati" u *lanqas* "ippreżentati" iżda għall-applikazzjonijiet "magħmula".

97. Konsegwentement, la "r-reġistrazzjoni" u lanqas "il-preżentata" tal-applikazzjoni ma jistgħu jiġu kkunsidrati bħala atti li jagħtu aċċess għall-benefiċċju tal-istatus ta' applikant. La mill-kliem, la mill-istruttura jew mill-iskop tad-Direttiva 2013/32, u lanqas mix-xogħol preparatorju tagħha ma jirriżulta l-iċken element li fuqu tista' tiġi bbażata tali teżi. Bħalma wieħed jista' jaqra fil-kliem kollu tal-premessa 27 ta' din id-direttiva, "[l]adarba ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali *huma* applikanti għal protezzjoni internazzjonali, huma għandhom ikunu konformi mal-obbligi u jibbenefikaw mid-drittijiet

57 Ara wkoll, il-premessa 27 tad-Direttiva 2013/32.

taħt din id-Direttiva u d-Direttiva [2013/33]" [58]. Kif diġà enfasizzajt, mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jirriżulta b'mod ċar li r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'terminu ta' tliet jew sitt ijiem ta' xogħol wara li "ssir" huwa obbligu li ma huwiex impost fuq il-persuna li "tagħmel" l-applikazzjoni, jiġifieri l-"applikant" għal tali protezzjoni, iżda *biss* fuq l-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex tirreġistra din l-applikazzjoni [59].

98. It-tielet nett, mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 jirriżulta wkoll li r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet b'mod ċar li jiffaċilita li jsiru applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-fruntiera ta' Stat Membru u, b'mod partikolari, fl-ilmijiet territorjali, peress li l-aċċess għall-proċedura ta' eżami għandu jkun effettiv, faċli u rapidu. Għalhekk, l-Istati Membri huma, b'mod ġenerali, marbuta li jirreġistraw *kull* applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali *magħmula* minn ċittadin ta' pajjiż terz lill-awtoritajiet nazzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u għandhom sussegwentement jiżguraw li l-persuni kkonċernati jibbenefikaw mill-possibbiltà konkreta li jressqu l-applikazzjoni tagħhom fl-iqsar żmien [60].

99. Fid-dawl tar-raġunijiet kollha li għadni kif indikajt, jien tal-opinjoni li ċittadin ta' pajjiż terz jibbenefika mill-istatus ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali mill-mument li jesprimi x-xewqa tiegħu li japplika għal tali protezzjoni quddiem "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, bħal, kif huwa l-każ f'din il-kawża, qorti istruttorja mitluba tiddeċiedi dwar id-detenzjoni. Interpretazzjoni kuntrarja fil-fatt tmur kontra l-effettività tal-aċċess għall-proċedura, kif previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'din id-direttiva. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu tal-Istati Membri li jilħqu r-riżultat previst fid-direttivi, u d-dmir tagħhom, skont l-Artikolu 4(3) TUE, li jieħdu l-miżuri kollha, ġenerali jew partikolari, adatti sabiex jiżguraw it-twettiq ta' dan l-obbligu, huma imposti fuq l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji [61].

100. Fid-dawl ta' dan, issa ser neżamina l-kwistjoni dwar jekk, ladarba l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ssir quddiem "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, l-applikant għal tali protezzjoni jistax jitqiegħed f'ċentru ta' detenzjoni biss għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33.

### *c) Il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-kisba tal-istatus ta' applikant*

101. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju ntalbet tiddeċiedi dwar id-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz sabiex tiġi eżegwita deċiżjoni ta' refoulement minħabba li din id-deċiżjoni ma setgħetx tiġi eżegwita f'terminu ta' 72 siegħa stabbilit mid-dritt nazzjonali [62]. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dan iċ-ċittadin għamel l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali quddiem din il-qorti fit-48 siegħa mill-wasla tiegħu fit-territorju Spanjol.

58 Korsiv miżjud minni.

59 Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 83 ta' dawn il-konklużjonijiet.

60 Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Hasan (C-360/16, EU:C:2018:35, punt 76).

61 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann (14/83, EU:C:1984:153, punt 26); tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 110), kif ukoll tal-14 ta' Mejju 2019, CCOO (C-55/18, EU:C:2019:402, punt 68).

62 Ara l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

102. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/115, moqri flimkien mal-premessa 9 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li "din id-direttiva ma tapplikax għal ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, fis-sens tad-Direttiva [2005/85/KE[63]], u dan matul il-perijodu li jkopri l-preżentata [[64]] tal-imsemmija applikazzjoni sal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ewwel istanza li tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni jew, jekk ikun il-każ, sal-eżitu tar-rikors li jkun ġie ippreżentat kontra l-imsemmija deċiżjoni"[65].

103. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/115, bħal dik tad-Direttiva 2005/85 (li ppreċediet id-Direttiva 2013/32), "għandha ssir, hekk kif jirriżulta mill-premessa 24 tal-ewwel direttiva u mill-premessa 8 [[66]] tat-tieni direttiva, fir-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta"[67], li l-Artikolu 18 tagħha jiggarantixxi d-dritt għall-ażil[68] u l-prinċipju ta' non-refoulement[69].

104. Fir-rigward, b'mod partikolari, tad-detenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-detenzjoni għal raġunijiet ta' tneħħija rregolata mid-Direttiva 2008/115 u d-detenzjoni ordnata fil-konfront ta' applikant għall-ażil jaqgħu taħt sistemi legali differenti[70].

105. It-tieni nett, kif spjegajt preċedentement[71], jien tal-opinjoni li persuna tikseb l-istatus ta' applikant mill-mument meta hija "tagħmel" applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Għaldaqstant, huwa minn dan il-mument li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-applikant għal protezzjoni huma rregolati mill-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva 2013/33.

106. F'dan il-każ, minn dan jirriżulta li anki jekk il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' VL sal-mument li fih huwa "għamel" l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali quddiem il-qorti tar-rinviju kienu rregolati mid-Direttiva 2008/115[72], mill-mument meta saret l-applikazzjoni, huma l-Artikolu 26(1) tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2013/33 li japplikaw għalih. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu li l-Istati Membri ma jistgħux iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li hija tkun għamlet applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

63 Direttiva tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat (ĠU 2006, L 175M, p. 168).

64 B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li fil-verżjoni bil-ingwa Franċiża t-terminu "introduite", użat fl-Artikolu 2(b) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2005/85, ġie ssostitwit bit-terminu "présentée", fl-Artikolu 2(b) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/32. Ara l-punti 78 sa 89 ta' dawn il-konklużjonijiet.

65 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Arslan (C-534/11, EU:C:2013:343, punt 49).

66 Ara l-premessa 60 tad-Direttiva 2013/32 u l-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi (C-181/16, EU:C:2018:465, punt 51), u tas-26 ta' Settembru 2018, Belastingdienst/Toeslagen (Effett sospensiv tal-appell) (C-175/17, EU:C:2018:776, punt 31).

68 Ara wkoll, l-Artikolu 19(2) tal-Karta u l-punti 38 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 Dwar il-prinċipju ta' non-refoulement, ara l-kunsiderazzjonijiet tiegħi fil-punti 38 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

70 Ara, fir-rigward tad-Direttiva 2005/85, is-sentenzi tat-30 ta' Novembru 2009, Kadzoev (C-357/09 PPU, EU:C:2009:741, punt 45), u tat-30 ta' Mejju 2013, Arslan (C-534/11, EU:C:2013:343, punt 52). Hemm lok li jitfakkar li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2008/115 jipprovdi li din id-direttiva "m'għandha tippreġudika ebda dispożizzjoni li tista' tkun aktar favorevoli għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz stabbilita fl-acquis Komunitarju fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-asil".

71 Ara l-punti 90 sa 99 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72 Ara l-Artikolu 15 ta' din id-direttiva.

107. Barra minn hekk, bħalma ddeċidiet diġà l-Qorti tal-Ġustizzja, il-paragrafi l-oħra tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33 jipprovdu limitazzjonijiet sostanzjali tas-setgħa mogħtija lill-Istati Membri li jżommu f'detenzjoni[73]. B'mod partikolari, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) ta' din id-direttiva jelenka b'mod eżawrjenti d-diversi raġunijiet[74] li jistgħu jiġġustifikaw detenzjoni u li kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tissodisfa bżonn speċifiku u għandha natura awtonoma[75]. Għalhekk, meta jkun hemm raġuni li tista' tiġġustifika d-detenzjoni, l-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva jeżiġi li detenzjoni tista' tiġi ordnata biss meta jkun meħtieġ u *fuq il-bażi ta' evalwazzjoni individwali ta' kull każ*, jekk miżuri oħra ta' inqas koerzjoni ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv[76].

108. B'mod partikolari, fost ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw id-detenzjoni hemm dik prevista fl-Artikolu 8(3)(d) tad-Direttiva 2013/33, misluta mill-fatt li l-applikant jinżamm f'detenzjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115 sabiex jitħejja r-ritorn u/jew titwettaq it-tneħħija, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jiġġustifika abbażi ta' kriterji oġġettivi li l-applikant diġà kellu l-opportunità li jaċċessa l-proċedura ta' ażil u, konsegwentement, li hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jaħseb li l-applikant għamel l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjoni sempliċement sabiex itawwal jew jipprevjeni l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn.

109. F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-opportunità ta' aċċess għall-proċedura ta' ażil, għandu jiġi enfasizzat li għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk hemmx tali ġustifikazzjoni, jidher madankollu li din il-qorti tindika b'mod ċar fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha li mill-proċess verbal tat-tqegħid f'detenzjoni tat-13 ta' Diċembru 2019 jirriżulta li, qabel ma ppreżenta ruħu quddiemha, VL ma kienx ġie informat bil-possibbiltà li japplika għal protezzjoni internazzjonali, filwaqt li tippreċiża barra minn hekk li "l-qorti istruttorja li jippreżenta ruħu quddiemha ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari fi Spanja, għall-finijiet tad-detenzjoni tiegħu tikkostitwixxi [...] l-unika awtorità li quddiemha [huwa] jista' japplika għall-protezzjoni internazzjonali, qabel ma jmur fiċ-ċentru ta' detenzjoni"[77].

110. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-eżistenza ta' raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jaħseb li l-applikant għamel l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali sempliċement sabiex itawwal jew jipprevjeni l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn jew sabiex titwettaq it-tneħħija, la mid-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżulta li dan huwa l-każ f'din il-kawża.

111. Fi kwalunkwe każ, jidhirli li huwa importanti li jiġi ppreċiżat, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li s-sempliċi fatt li applikant għall-ażil, fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni tiegħu, ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ta' tneħħija u li jitqiegħed f'detenzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115, ma jippermettix li jiġi preżunt, mingħajr evalwazzjoni individwali tal-fatti kollha rilevanti ta' kull każ, li dan tal-aħħar ippreżenta din l-applikazzjoni bil-għan biss li jtawwal jew li jikkomprometti l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn u li huwa oġġettivament meħtieġ u proporzjonat li tinżamm il-miżura ta' detenzjoni[78]. F'dan ir-rigward, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-awtoritajiet nazzjonali[79].

73 Sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, K. (C-18/16, EU:C:2017:680, punt 44).

74 Fil-fatt, minkejja li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33 jistabbilixxi li r-raġunijiet għad-detenzjoni għandhom jiġu ddefiniti mid-dritt nazzjonali, għandu jitfakkar li, meta d-dispożizzjonijiet ta' direttiva jħallu lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddefinixxu miżuri ta' traspożizzjoni li jkunu adegwati għad-diversi sitwazzjonijiet possibbli, huma għandhom, fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, mhux biss jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod konformi mad-direttiva inkwistjoni, iżda għandhom jiżguraw ukoll li ma jistrieħux fuq interpretazzjoni tagħha li tidħol f'kunflitt mad-drittijiet fundamentali jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Sentenzi tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 59), u tal-14 ta' Settembru 2017, K. (C-18/16, EU:C:2017:680, punt 42).

76 Sentenzi tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 61), u tal-14 ta' Settembru 2017, K. (C-18/16, EU:C:2017:680, punt 44).

77 Ara l-punti 63 sa 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

78 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Arslan (C-534/11, EU:C:2013:343, punt 62).

79 F'din il-linja, ara, b'mod partikolari, Peek, M., u Tsourdi, E., "Asylum Reception Conditions Directive 2013/33/EU", f'*EU Immigration and Asylum Law: A Commentary*, *op. cit.*, p. 1381 sa 1477, b'mod partikolari, p. 1415.

112. Konsegwentement, jien tal-opinjoni li VL għandu jiġi kkunsidrat li huwa applikant għal protezzjoni internazzjonali mill-mument li huwa għamel l-applikazzjoni tiegħu quddiem il-qorti tar-rinviju, bħala "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, ħlief jekk tingħata prova mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati, abbażi ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni personali tiegħu, li tapplika waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33, u dan la jidher li jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

113. Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-unika raġuni li għaliha l-qorti istruttorja qiegħdet lil VL f'detenzjoni hija marbuta mal-fatt li ma kienx hemm postijiet disponibbli fiċ-ċentri ta' akkoljenza. Għandi ninsisti fuq il-fatt li din ir-raġuni ma tissemmiex fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33. Għaldaqstant, ikun diffiċli li jiġi aċċettat li applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' jitqiegħed f'ċentru ta' detenzjoni għall-unika raġuni li ma jkunx hemm postijiet disponibbli fiċ-ċentri ta' akkoljenza. Fil-fatt, fid-dawl tal-importanza tad-dritt għal-libertà rrikonoxxut fl-Artikolu 6 tal-Karta u tal-gravità tal-indħil f'dan id-dritt li tikkostitwixxi tali miżura ta' detenzjoni, il-limitazzjonijiet tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt għandhom japplikaw fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju [80].

114. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, mill-mument li ċ-ċittadin ta' Stat terz juri r-rieda tiegħu li japplika għall-protezzjoni internazzjonali quddiem "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, l-applikant jista' jitqiegħed f'ċentru ta' detenzjoni biss għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33.

## VII. Konklużjoni

115. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana (il-Qorti Istruttorja Nru 3 ta' San Bartolomé de Tirajana, Spanja):

1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali għandu jiġi interpretat fis-sens li awtorità ġudizzjarja, bħal qorti istruttorja, għandha titqies bħala "awtorità oħra" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

2) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità li tkun irċeviet l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, iżda li ma hijiex kompetenti, skont id-dritt nazzjonali, sabiex tirreġistraha, għandha tipprovdi lill-applikant l-informazzjoni rilevanti li tippermettilu jkun jaf fejn u kif jista' jippreżenta tali applikazzjoni u tibgħat il-fajl lill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni sabiex l-applikant ikun jista' jkollu aċċess għall-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza.

3) L-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, mill-mument li ċ-ċittadin ta' Stat terz juri r-rieda tiegħu li japplika għall-protezzjoni internazzjonali quddiem "awtorità oħra" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, l-applikant jista' jitqiegħed f'ċentru ta' detenzjoni biss għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33.

80 Sentenzi tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 56), u tal-14 ta' Settembru 2017, K. (C-18/16, EU:C:2017:680, punt 40).